MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 968/1999/1

**Avviz Nru:- 968/99**

**Muscats Motors Limited**

**vs**

**Michael Sciortino bhala stralcjarju u rapprezentant tas-socjeta’ RGM Trading Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija u erba’ lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmi (Lm304.26c), prezz dovut ghal merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata u dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok. ‘1’ sa ‘2’.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha komprizi tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Billi l-konvenuti ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex igibu l-provi taghhom.

Wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lil Joseph Cini, xhud prodott mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata u;

Ghaldaqstant qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kariga premessa tieghu sabiex ihallas il-kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ tlett mija u erba’ liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmi (Lm304.26c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’effett mill-24 ta’ Gunju 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------